**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Vs**

**Gianella Agius**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Gianella Agius, 29 sena, bint Christopher Agius u Cynthia nee' Gouder, imwielda Zabbar nhar il-21 t'Awwissu 1987 u li toqghod nru. 3, Triq Sant' Antnin, Tarxien, detentrici ta' karta ta' l-identita' nru. 373187M;

Talli nhar is-6 t'Awwissu, 2016, ghall-habta tat-3am, fi Triq l-Arkata, Paola, flimkien ma persuna/i ohra:

1) Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat offizi gravi fuq il-persuna ta' Owen John Carabott, liema offizi jistghu jgibu periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ta' difett

permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; inkella jewkk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;

2) Talli kkommettiet serq ta' flus kontanti, mobile phone tal-marka Samsung Young 2 u xi oggetti ohra, liema serq hu ggravat bil-vjolenza u bil-hin, ghad-dannu ta' Owen John Carabott u'jew ta' xi persuni ohra;

3) U aktar talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zemmet jew issekwestrat lill-istess Owen John Carabott kontra l-volota' tieghu, liema persuna arrestat, mizmum jew issekwestrat gie offiz fuq il-persuna tieghu jew mhedded bil-mewt u l-sitess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-19 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Bhala fatti tal-kaz, irrisulta li l-imputata flimkien ma' persuna ohra ta' nazzjonalita Libjana aggredew lil certu Owen John Carabott u serqu minn fuq il-persuna tieghu ammont ta' flus kontanti u mobile phone tal-ghamla Samsung Young 2. Waqt din l-aggressjoni Carabott sofra wkoll xi griehi, li kienu gew ikklassifikati bhala gravi. L-imputata tat il-verzjoni taghha tal-fatti fl-istqarrija li rrilaxxjat meta giet investigata mill-Pulizija. Hi tghid li l-persuna l-ohra li kienet mieghu ma tafx ezatt x'jismu, u hi kienet biss komplici mieghu. L-oggetti misruqa zammhom kollha hu.

Il-Qorti tara li hemm htiega ta' sorveljanza fuq l-imputata, minhabba fl-abbuz tad-droga li tidher li hi problema konsiderevoli ghaliha. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' ordni ta' supervizjoni ma' ufficjal tal-probation.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(c)(e), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 217, 218 (1)(a)(b)(2), 261, 262(1)(a), 270, 274(b), 275, 277(a) u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai termini tal-Art. 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**